# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ___________________________________ Klassi: ________________

## A. Qabbel. (5 x marka = 5 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Abraham | | għaqqad flimkien it-tribujiet kollha. |
| 2. | Ġakobb | | ħeles lil-Lhud mill-Eġizzjani. |
| 3. | Mosè | | kien l-ewwel sultan tal-Lhud. |
| 4. | Sawl | 1 | emmen u obda lil Alla f'kollox. |
| 5. | David | | kien wieħed min-nobbli li Alla għażlu biex ikun profeta. |
| 6. | Isaija | | kellu tnax-il tifel li minnhom ħarġu t-tnax-il tribù ta' Israel. |

## B. Imla l-vojt. (10 x marka = 10 marki)

1. Fi żmien Ġesù, il-Palestina kienet taħt il-ħakma tar-____________________.
2. ____________________ kien imexxi l-affarijiet reliġjużi tal-Lhud.
3. Il-Lhud kienu joffru sagrifiċċji lil Alla fit-____________________.
4. Kull nhar ta' ____________________ il-Lhud kienu jiltaqgħu fis-____________________ biex jaqraw u jispjegaw il-Kotba Mqaddsa.
5. Ġesù sejjaħ lill-____________________ 'oqbra mbajda'.
6. Is-____________________ ma kinux jemmnu fil-ħajja wara l-mewt.
7. Fil-festa ta' l-Għid, il-Lhud kienu jieklu ____________________.
8. Fil-festa ta' l-Għid, il-Lhud jiftakru fil-____________________ ta' missirijiethom mill-jasar ta' l-Eġittu.
9. Fil-festa tal-____________________ il-Lhud kienu jirringrazzjaw lil Alla tal-frott, inbid u żejt li pprovdielhom mill-art.

## Ċ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar it-tagħlim ta' Ġesù. (20 marka)



1. X'jissejħu l-istejjer li Ġesù kien jgħid biex iwassal il-messaġġ tiegħu? *(2 marki)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. Għaliex kien juża dawn l-istejjer? *(2 marki)*

3. i) Irrakkonta fi kliemek l-istorja li fiha Ġesù xebbah il-kelma tiegħu ma' żerriegħa. *(5 marki)*

ii) X'ried jgħid Ġesù lin-nies li kienu jisimgħuh? *(4 marki)*

4. X'taħseb li jrid jgħid Ġesù b'din il-parabbola lilna llum? *(4 marki)*

5. Semmi tliet parabboli oħra li tgħallimt matul din is-sena. *(3 marki)*

## D. X'nitgħallmu minn dawn il-kliem ta' Ġesù li nsibu fl-Evanġelju.

(5 x 3 marki = 15-il marka)



1. "Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib."

2. “Kull min iħobb il-verità jisma’ leħni.”

3. “Tabilħaqq saltnati m’hijiex ta’ hawn.”

4. “Missier, aħfrilhom għax ma jafux x’inhuma jagħmlu.”

5. “Missier, jekk jista’ jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux kif irrid jien, iżda kif trid int.”

## E. Aqra u wieġeb. (15-il marka)

Meta Abraham kien jgħix f’Ur, Alla sejjaħlu u ordnalu jitlaq minn art twelidu u dar missieru lejn art li kien se jurih. Alla wegħdu li jagħtih dik l-art u li jkollu ħafna wlied. Wegħdu wkoll li b’ismu jitbierku l-ġnus kollha ta’ l-art.



1. Min kien Abraham? Ikteb mhux anqas minn 30 kelma dwar kif Abraham wieġeb għas-sejħa ta’ Alla. *(4 marki)*

2. X’kien jisimha l-art li Alla ta lil Abraham? *(2 marki)*

3. X’kienet l-akbar prova li Alla ta lil Abraham biex jara kemm kien jemmen fih? *(3 marki)*

4. Kif tista' int turi l-fidi tiegħek kif għamel Abraham? Agħti żewġ eżempji. *(3 x 2 marki)*

## F. Aqra u wieġeb.

(15-il marka)

Jien Żakkew, il-pubblikan, u xtaqt ħafna nara lil Ġesù. Meta kien ġie Ġeriko, jien tlajt fuq siġra biex narah u Hu nduna bija. Ried jiġi d-dar u domna ftit nitkellmu. Minn dak inhar ħajti nbidlet mill-qiegħ.



1. X'kien ix-xogħol ta' Żakkew il-pubblikan? *(2 marki)*

2. Għaliex il-Lhud ma kinux iħobbu lill-pubblikani? *(2 marki)*

3. X'kien irid Ġesù mill-pubblikani? *(2 marki)*

4. X'wiegħed Żakkew lil Ġesù? *(4 marki)*

5. X'nitgħallmu dwar Ġesù mill-laqgħa li kellu ma' Żakkew? *(3 marki)*

6. Semmi pubblikan ieħor li biddel ħajtu wara li ltaqa' ma' Ġesù. *(2 marki)*

## Ġ. Aqra u wieġeb. (20 marka)

Meta Ġesù kien għaddej minn Ġerusalemm, ra raġel agħma jittallab il-karità u tħassru. Resaq lejh, poġġielu ftit tajn fuq għajnejh u ordnalu biex imur jinħasel fl-għadira ta' Silwam. Dak hekk għamel u malli ħasel għajnejh beda jara.

Dak inhar kien Jum is-Sibt. Il-Fariżej, flok faħħru lil Alla għal grazzja bħal din, tkażaw b'Ġesù. Lil dak li sar jara tgħidx kemm damu jsaqsuh dwar dak li ġara. Billi hu kellu ħafna kliem ta' tifħir għal Ġesù, spiċċa biex keċċewh 'il barra mis-sinagoga.

Ġesù sema' b'dan u mar isibu. Staqsieh jekk kienx jemmen fih u dak inxteħet iqimu.

Wieġeb:

1. Għaliex Ġesù wettaq dan il-miraklu? *(marka)*

   ____________________________________________

2. X'għamel Ġesù biex dak ir-raġel ħa d-dawl ta' għajnejh? *(marka)*

   ____________________________________________

3. Fejn ordnalu jmur Ġesù lill-agħma? *(marka)*

   ____________________________________________

4. F'liema jum tal-ġimgħa sar dan il-miraklu? *(marka)*

   ____________________________________________

5. Għaliex il-Fariżej tkażaw b'Ġesù? *(2 marki)*

   ____________________________________________

   ____________________________________________

6. X'wera Ġesù b'dan il-miraklu? *(2 marki)*

   ____________________________________________

   ____________________________________________

7. X'ried jagħti Ġesù lil dak ir-raġel barra d-dawl t'għajnejh? *(3 marki)*

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

8. Ġesù kien sejjaħ lilu nnifsu "d-dawl tad-dinja". X'ried igħid Ġesù b'dan? *(3 marki)*

   ____________________________________________

   ____________________________________________

   ____________________________________________

9. Il-Fariżej raw lil Ġesù imma ma għarfux 'id-dawl' tiegħu u baqgħu fid-dlam. Fejn tista' int issib 'id-dawl' ta' Ġesù? Semmi 3 ħwejjeġ. *(3 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

10. Wara dik il-grazzja kbira, dak ir-raġel beda jistqarr lil Ġesù ma' kulħadd. Int ukoll irċevejt id-dawl ta' Ġesù fil-Magħmudija. Kif għandek int tistqarr lil Ġesù f'ħajtek? *(3 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________